Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2005

Numru 998/2005

Il-Pulizija
(Sp Carmelo Bartolo)
vs
Domenic Abela, iben Carmelo,
imwieled il-Marsa fl-1 ta' marzu,
1961

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer, fl-1 ta' novembru, 2005 u fix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda –

1. fis-6 ta' ottubru, 2005, f'Birkirkara, għal ħabta tas-6.00 p.m. ikkometta serq ta' oġġetti u cioe' bagalja kontenti diversi dokumenti u oġġetti oħra, liema serq hu kkwalifikat bin-natura tal-ħaġa misruqa u bil-mezz li sar għad-dannu ta' Lawrence Pisani minn Birkirkara u\jew persuni oħra;

2. fl-14 ta’ otttubru, 2005, fil-Marsa, għal ħabta tas-6.45 p.m. ikkometta serq ta’ oġġetti u cioe’ basket kontenenti xi flus, telefon ċellulari u oġġetti oħra, liema serq hu kkwalifkat bin-natura tal-ħaġa misruqa li sar għad-dannu ta’ Jeffrey Sciberras minn Naxxar;
3. fl-20 ta’ ottubru, 2005, f’dawn il-Gżejjer, għal ħabta tal-10.00 a.m. ikkometta serq ta’ oġġetti u cioe’ telefon ċellulari liema serq hu kkwalifikat bin-natura tal-ħaġa misruqa li sar għad-dannu ta’ Evan Gauci mill-Kalkara;
4. fil-21 ta’ ottubru, 2005, fil-Marsa, għal ħabta tal-10.00 a.m. ikkometta serq ta’ oġġett u cioe’ cheque book, liema serq hu kkwalifikat bin-natura tal-ħaġa misruqa li sar għad-dannu ta’ Raymond Zammit minn Santa Venera u\jew persuni oħra;
5. fit-28 ta’ ottubru, 2005, f’Santa Venera, għal ħabta tas-1.00 p.m. ikkometta serq ta’ diversi oġġetti fosthom diversi għodod liema serq hu kkwalifikat bil-valur li ma jiskorriex l-elf lira maltija u bin-natura tal-ħaġa misruqa li sar għa-dannu ta’ Joseph Grech minn Birkirkara u\jew persuni oħra;
6. fit-28 ta’ ottubru, 2005, fil-Marsa, għal ħabta tat-3.00 p.m. ikkometta serq ta’ oġġetti u cioe’ basket kontenenti xi dokumenti u xi ċwievet liema serq hu kkwalifikat bin-natura tal-ħaġa misruqa li sar għad-dannu ta’ Julian Camilleri mill-Madliena;
7. fit-28 ta’ ottubru, 2005, fil-Marsa, għal ħabta tas-1.45 p.m. ikkometta serq ta’ oġġetti u cioe’ portmoni kontenenti flus u dokumenti liema serq hu kkwalifikat bin-natura tal-ħaġa misruqa li sar għad-dannu ta’ Mary Rose Portelli minn Santa Luċija;
8. fit-28 ta’ ottubru, 2005, fil-Marsa, għal ħabta tat-3.00 p.m. ikkometta serq ta’ oġġetti u cioe’ wallet kontenenti flus u dokumenti liema serq hu kkwalifkat bin-natura tal-ħaġa misruqa li sar għad-dannu ta’ Kenneth Borg minn San Ġiljan;
9. fit-28 ta’ ottubru, 2005, fil-Ħamrun, f’xi ħin bejn it-3.00 p.m. u it-8.00 p.m. ikkometta serq ta’ oġġetti u cioe’ basket kontenenti dokumenti u CDs liema serq hu kkwalifikat bin-natura tal-ħaġa misruqa li sar għad-dannu ta’ Mario Zerafa mill-Mosta;
10. fil-31 ta’ ottubru, 2005, fil-Ħamrun, għal ħabta tas-2.30 p.m. ikkometta serq ta’ oġġetti u cioe’ basket kontenti

xi flus u oġġetti oħra liema serq hu kkwalifkat bin-natura tal-ħaġa misruqa li sar għad-dannu ta' Maria Azzopardi mill-Pieta';
11. fl-1 ta' novembru, 2005, fil-Marsa, għal ħabta ta' nofs in-nhar ikkometta serq ta' oġġetti u cioe' wallet kontenenti xi flus u oġġetti oħra liema serq hu kkwalifikat bin-natura tal-ħaġa misruqa li sar għad-dannu ta' Gerald Attard minn Ħaż-Żebbuġ;
12. fl-1 ta' novembru, 2005, fil-Marsa, bejn il-11.00 a.m. u l-4.00 p.m. ikkometta serq ta' oġġetti u cioe' wallet kontenenti xi dokumenti, liema serq hu kkwalifikat bin-natura tal-ħaġa misruqa li sar għad-dannu ta' Geronzio Bartolo minn Birżebbuġia;
13. fl-1 ta' novembru, 2005, fil-Marsa, għal ħabta tas-1.00 p.m. ikkometta serq ta' oġġetti u cioe' basket kontenenti diversi dokumenti liema serq hu kkwalifikat bin-natura tal-ħaġa misruqa li sar għad-dannu ta' Raymond Vella mill-Gudja;
14. fl-1 ta' novembru, 2005, fil-Marsa, għal ħabta tas-1.00 p.m. ikkometta serq ta' oġġetti u cioe' bagalja kontenenti diversi għodod liema serq hu kkwalifikat bin-natura tal-ħaġa misruqa li sar għad-dannu ta' Mario Micallef minn San Gwann;
15. fl-1 ta' novembru, 2995, fil-Marsa, għal ħabta tas-1.30 p.m. ikkometta serq ta' oġġetti u cioe' diversi telecards użati liema serq hu kkwalifkat bin-natura tal-ħaġa misruqa li sar għad-dannu ta' Anton Formosa minn San Gwann;
16. f'diversi okkazzjonijiet oħra, matul il-perjodu ta' bejn l-1 ta' novembru, 2005 u fix-xhur ta' qabel din id-data kkometta serq ta' diversi oġġetti liema serq hu kkwalifikat bin-natura tal-ħaġa misruqa li sar għad-dannu ta' persuni sa issa mhux magħrufa;
17. talli fl-1 ta' novembru, 2005 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gżejjer, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom.
Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita skond il-liġi, tordna l-konfiska tal-vettura,

bin-numru tar-reġistrazzjoni DAR 189, favur il-Gvern ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' novembru, 2005 fejn l-imputat ammetta l-akkużi ta' serq miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkuża numru 17 miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn din l-akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 261(b)(g), 263, 264, 271(g) u 278(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti raet ieħor fi żmien erba' snin mil-lum li għalih hemm il-piena tal-priġunerija. Minbarra dan, rat l-artikolu 28Ġ tal-Kodiċi Kriminali u tqiegħed lill-imputat taħt ordni ta' supervizjoni għal perjodu ta' erba' snin mil-lum. Fiċ-ċirkostanżi ta' dan il-każ mhemmx lok għal konfiska tal-vettura hawn fuq indikata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------